MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2001

Rikors Numru. 7/1990/1

Rikors Nru 7/90V DM

Kummissarju tal-Art

Vs

Mario Galea Testaferrata, Agnese Gera de Petri, Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, Alfred Gera de Petri f'isem l-assenti Nicholas Jensen u Irene Bache, Helen Miles, Gino Trapani Galea Feriol ghan-nom tieghu proprju u ghan-nom ta' Marlene Huber, Emily Trapani Galea, Nathalie Bianchi u Dorothy Trapani Galea

Il-Bord,

Ra ir-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet li permezz tieghu wara li ddikjara:

Illi b'ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 1989 l-intimati gew notifikati b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li bicca art fil-Gudja tal-kejl ta' 17598 metri kwadri li tmiss mill-Punent ma triq pubblika mit-Tramuntana parti ma proprjeta ta' Gio Maria Galdes u parti ma proprjeta tal-Knisja Parrokjali ta' Bormla u min-Nofsinhar parti ma proprjeta ta' Jack Attard Montalto u parti ma proprjeta ta' Guiseppi dallli, hija mehtiega ghall-skopijiet pubblici u li l-akkwisti taghha ghandu jkun b'xiri assolut.

Illi l-intimati gew ukoll notifikati b'Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-art fuq imsemmija, huwa ta' tlett elef mija u erba u tletin Liri u erbghin centezmu (Lm3134.40,0) kif jidher mir-rapport tal-perit O. Carauna  Montaldo A & CE tad-19 ta' Gunju 1981, li estratt tieghu huwa anness mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'zewg ittri ufficjali tas-16 ta' Frar 1989 l-intimata Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem u ghan-nom tal-assenti Caren Preziosi, iddikjarat li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li l-kumpens ghandu jkun ta' tmintax-il elf, mija u hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm18,175).

Illi b'ittra ufficjali tas-16 ta' Frar 1989 l-intimati Mario Galea Testaferrata, Agnese Gera de Petri, Alfred Gera de Petri f'isem l-assenti Nicholas Jensen u Irene Bache, Helen Miles, Gino Trapani Galea Feriol ghan-nom tieghu proprju ghan-nom tal-assenti Marlene Huber, Emily Trapani Galea, Nathalie Bianchi u Dorothy Trapani Galea, iddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li l-kumpens ghandu jkun ta' ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000).

TALAB li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu a favur tar-rikorrent nomine b'titolu ta' xiri

assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa l-kumpens relattv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra d-digriet tal-10 ta' Gunju 1994 fejn gew nominati Perit Joseph Mizzi A & CE u Perit Frederick H Valentino A & CE bhala Periti Teknici.

Ra n-noti tar-rikorrent tat-28 ta April 1999 fejn gie dikjarat li parti mill-art gia' esproprijata giet irrilaxxjata u li r-rikors ghandhu jitkompla biss ghall-parti rimanenti indikata bhala plot **13A** deskritta u ippjanata u stmata fid-dokumenti XZ u ZZ esibiti mal-istess noti.

Semgha ix-xhieda kollha li gew prodotti.

Ra l-atti kollha tal-procediment u d-dokumenti esebiti;

Semgha l-avukati; U

Kkunsidra:

Skond ir-relazzjoni tal-periti assessuri, hawn annessa, wara li gew mehuda in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jinfluwixxu fuq ix-xiri assolut kif regolat mill-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-Skopijiet pubblici, jistma l-bicca art fil-limiti tal-Gudja, indikata fin-nota tar-rikorrent tat-28 ta April 1999 u kif deskritta fl-istess rapport tal-membri teknici, bhala libera u franka, fis-somma ta seba telef u erbghin liri maltin (LM7040).

Ghaldaqstant, jilqa' t-talbiet dedotti fir-rikors, u jordna favur ir-rikorrenti it-trasferiment b'titolu ta' xiri assolut tal-imsemmija bicca art fil-Gudja fi Triq ix-Xlejli, tal-kejl ta'

cirka 15570.00 metri u li tmiss mit-Tramuntana ma proprjeta ta’ l-Knisja Parrokjali ta Bormla, minn-Nofsinhar ma proprjeta ta’ Guzeppi Dalli  u mill-Punent ma triq pubblika, kif murija bhala plot **13A** fuq **LD 100A/81/6** (Dok. XZ u ZZ), bhala libera u franka, versu l-kumpens stabbilit mill-periti assessuri fis-somma ta LM7040.

Jinnomina lin-Nutar Dr. Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv fit-12 ta Lulju 2001 fit-3.15 p.m. fl-ufficju tar-rikorrent u jinnomina lill-Avukat DrKathleen Zarb Adami sabiex tidher ghall-kontumaci fuq l-att.

L-ispejjes ta' din il-procedura u dawk tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt jithallsu mir-rikorrent.

Dritt tal-periti assessuri Lm15 kull wiehed oltre l-ispejjes inkorsi minnhom ghall-ispezzjoni tal-art.

--------------------------------TMIEM--------------------------------